# BORD TA' ARBITRAĠĠ DWAR ARTIJIET

# MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., Mag. Jur. (EU Law)

**Rikors numru: 38/2019 SG**

**Joseph De Conti Manduca (ID 53238M)**
**Mary Louise Manduca (ID 353236M)**
**Therese Calleja (ID 435039M)**
**Jean De' Conti Manduca (ID 516140M)**
**Marguerite De' Conti Manduca (ID 288948M) f'isimha proprju u bħala mandatarja ta' ħuha assenti Louis Manning (Tax number 885710710), UK passport number 212716187)**
**Raymond De' Conti Manduca (ID 177844M)**
**David De' Conti Manduca (ID 213045M)**
**Helen Leone Ganado (ID 1056646M)**
**Angele Vella (ID 94250M)**
**Bernard De Conti Manduca (ID 780053M)**

**vs**

**Awtorità tal-Artijiet**

**Illum, 12 ta' Ottubru, 2022**

Il-Bord;

Ra r-rikors ta' Joseph De Conti Manduca et, fejn ġie premess:

> *"1. Illi huma s-sidien ta' żewġ porzjonijiet art f'sehem ta' 1/3 indiviż li jinsabu kwantu għall-porzjoni trijangolari fi Triq it-Terz ta' kejl approssimattiv ta' ċirka 21m2 immarkata fuq il-pjanta hawn annessa bħala T6 u porzjoni oħra li tinsab fl-istess inħawi, pero' fi Triq G Bessiera, Swieqi ta' kejl superfiċjali ta' ċirka 44.25m$^2$ indikata fuq il-pjanta hawn annessa bħala T7.*

*2. Illi din l-art ittieħdet għal skop pubbliku billi huma triq u bankina kif jidher ukoll mill-istess pjanta iżda ma sar l-ebda proċess ta' espropju.*

*3. Illi l-art in kwistjoni ġiet okkupata snin ilu.*

*4. Illi proprjeta' adjaċenti fl-istess inħawi u senjatament il-parti indikata T1 u T2 fuq l-istess pjanta ġa ġiet esproprijata u wara sentenza mogħtija mill-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet kif konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet 'Joseph de Conti Manduca vs Kummisarju tal-Artijiet Rikors 9/2011 deċiża fl-14 ta' Marzu 2019, il-valur as at 2011 ta' din l-art kienet bir-rata ta' €400 kull metru kwadru.*

*5. Illi skond il-Kap 573, l-prezz għandu jkun dak viġenti llum, li huwa ta' €500 kull metru kwadru u għalhekk il-valur tal-art indikata bħala porzjon T6 huwa ta' €10,500 mentri tal-art T7 huwa ta' €35,000.*

*6. Illi bħala prova tat-titolu tal-esponenti, l-esponenti jagħmlu referenza għal Lands File L362/09 fejn hemm l-informazzjoni kollha relattiva għat-titolu tal-esponenti.*

*7. Illi għalhekk f'dan il-każ japplika dak li hemm dispost fl-Artikolu 67 tal-Att 573.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li dan il-Bord jogħġbu, previa konferma tat-titolu tal-esponenti tal-art in kwistjoni f'sehem ta' terz indiviż:*

*i. jordna lill-Awtorita' tal-Artijiet takkwista l-proprjeta' b'titolu ta' xiri assolut u dan stante illi l-art illum hija triq pubblika u bankina pubblika u għalhkk ma tistgħax tiġi riprestinata;*

*ii. tagħti żmien qasir u perentorju lill-Awtorita' sabiex tindika l-prezz relattiv. Għal din il-fini l-esponenti ġa indika l-prezz tiegħu kif fuq ingħad.*

*iii. f'każ illi l-prezz offrut mill-Awtorita' m'huwiex ekwivalenti għall-ammont mitlub mill-esponenti, ikun dan il-Bord biex jistabbillixi l-kumpens ġust għat-trasferiment tal-art u dan skond hemm provdut fl-Artikolu 67(6) tal-Kap. 573;*

*iv. tikkundanna lill-Awtorita' sabiex tħallas id-danni materjali u d-danni morali spettanti lill-esponenti minħabba d-dewmien bejn meta l-art ġiet okkupata sakemm l-art tittieħed b'titolu ta' xiri assolut;*

*v. tikkundanna lill-Awtorita' sabiex tħallas lill-esponenti l-prezz likwidat minn dan il-Bord kif ukoll id-danni morali u d-danni materjali kif fuq imsemmija;*

*vi. tikkundanna lill-Awtorita' tħallas l-interessi fuq il-prezz stabbilit minn dan il-Bord bir-rata ta' 8% fis-sena mid-data ta' meta l-art ġiet okkupata sad-data ta' ħlas effettiv tal-prezz.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni."*

Ra r-risposta tal-Awtorità tal-Artijiet, fejn ġie eċċepiet li:

*"1. Illi l-Awtorita' esponenti ġiet notifikata bir-rikors fl-ismijiet hawn fuq imsemmija u l-istess esponenti ġiet mgħotija għoxrin gurnata cans biex tirrispondi;*

*2. Illi f'dan l-isfond, l-Awtorita' esponenti tixtieq tissenjala s-segwenti:*

*2.1 Illi in primis, jigi precizat li l-Awtorita' esponenti qatt ma rceviet talba minn xi entita' ta' l-istat sabiex l-art mertu tar-rikors, cioe' il-partijiet markati T6 u T7 fis-site plan aannessa mal-istess rikors, tigi espropprijata ghal skop pubbliku;*

*2.2 Illi min-naha taghha, l-Awtorita' esponenti tippreciza wkoll li qatt ma wettqet xi azzjoni jew agir biex takkwista din l-art ghal skop pubbliku;*

*2.3 Illi fi kwalunkwe kaz, u dejjem minghajr pregudizzju ghall predett, ir-rikorrenti jridu jissodisfaw lil dan l-Onorabbli Bord illi huma tassew is-sidien ta' l-art in kwistjoni izda dan jista' jsehh biss talvolta l-art li r-rikorrenti qed jippretendu hlas dwarha hi cara f'mohh kulhadd u jigi debitament prezentat root of title in rigward;*

*2.4 Illi fi kwalunkwe kaz, u dejjem minghajr pregudizzju ghall-predett, kwalunkwe kumpens, kieku ghall-grazzja ta' l-argument kien docut , irid jinhadem skont id-dettami tal-Kap 573 u mhux mhux sempliciment copy and paste ta' valuri stabbiliti skont ligijiet ohra;*

*2.5 Illi fi kwalunkwe kaz, u dejjem minghajr pregudizzju ghall-predett, kwalunkwe kumpens talvolta dovut lir-rikorrenti, ghandu jinhadem abbazi tal-Artikolu 67(8) tal-Kap 573 minghajr ebda danni materjali/morali u dan ghaliex, kif juru c-cirkostanzi, id-'dewmien biex isir l-akkiwst' ma jistax ikun addebitat lill-Awtorita' intimata jew il-precedessur taghha.*

*3. Illi it-talbiet rikorrenti ghandhom ghalhekk ghandhom jigu michuda fl-interita' taghhom.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri pemessi mil-liġi."*

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Sema' l-provi;

Ra r-rapport tal-Membri Teknici tiegħu;

Ra l-atti tal-proċess allegat bin-numru 9/11, fl-ismijiet, Joseph De Conti Manduca et vs Kummissarju ta' l-Artijiet, deċiż fl-14 ta' Marzu 2019, mill-Qorti tal-Appell;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

Ra li d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw fis-26 ta' Mejju 2021, li ma kienx għad fadal provi x'iressqu dwar l-ewwel talba, u li l-kawża għalhekk setgħet tiġi differita għal trattazzjoni orali;

Ra li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza, wara li saru sottomissjonijiet bil-miktub u kif ukoll trattazzjoni orali.

**Ikkunsidra:**

Irriżulta li din l-azzjoni hija msejjsa fuq l-Artikolu 67 tal-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipola li:

*"67. (1) Meta art li fuqha ma tkun inħarġet l-ebda dikjarazzjoni, tkun okkupata jew amministrata minn xi awtorità kompetenti, kull min juri għas-sodisfazzjon tal-Bord tal-Arbitraġġ li huwa sid b'titolu validu ta' proprjetà fuq dik l-art jista' jitlob li dik l-art tiġi akkwistata b'xiri assolut mill-awtorità jew inkella biex dik l-art tiġi mrodda lura ħielsa u franka minn kull okkupazzjoni.*

*(2) Din l-azzjoni għandha ssir permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Bord tal-Arbitraġġ li għandu jiġi indirizzat kontra l-awtorità li jkollha jedd ta' għoxrin jum biex twieġeb minn mindu tiġi notifikata bir-rikors.*

*(3) L-awtorità fit-tweġiba tagħha għandha tindika jekk il-Gvern iridx jikseb l-art b'xiri assolut jew inkella trodd lura l-art lis-sid.*

*(4) Jekk l-awtorità tindika fit-tweġiba tagħha li trid jikseb l-art b'xiri assolut hija għandha turi għas-sodisfazzjon tal-Bord li dik l-art hija meħtieġa għal skopijiet pubbliċi.*

*(5) F'każ li l-Bord tal-Arbitraġġ ikun sodisfatt li l-art hija tassew meħtieġa għal skopijiet pubbliċi huwa għandu jagħti żmien lis-sid u lill-awtorità biex jiddikjaraw kemm għandu jkun il-kumpens li għandu jitħallas għat-trasferiment tal-art.*

*(6) Jekk il-partijiet ma jaqblux bejniethom dwar il-kumpens li għandu jitħallas għal dik l-art, allura għandu jkun il-Bord tal-Arbitraġġ li jiffissa l-kumpens xieraq għat-trasferiment ta' dik l-art, b'dana li l-kumpens m'għandux ikun ogħla minn dak indikat mis-sid jew inqas minn dak indikat mill-awtorità.*

*(7) Il-valur tal-art għandu jittieħed li hu l-ammont illi l-art tista' ġġib kieku tiġi mibjugħa fis-suq minn sidha volontarjament u għandu jinħadem fuq il-valur li jkollha l-art ta' meta ġie mressaq ir-rikors skont dan l-artikolu.*

*(8) Flimkien mat-talba għax-xiri jew radd lura tal-art, tista' ssir ukoll talba biex il-Bord tal-Arbitraġġ jillikwida u jordna lill-awtorità tħallas id-danni materjali u d-danni morali li ġew imġarrba mis-sid għas-snin kollha li l-art kienet qed tiġi okkupata mingħajr ma nħarġet id-dikjarazzjoni.*

*(9) Kull persuna titlef il-jedd ta' azzjoni skont dan l-artikolu jekk hija tonqos milli tipproċedi fi żmien ħames snin minn meta jidħol fis-seħħ dan l-Att. Dan il-perjodu huwa perentorju u ma jistax jiġġedded."*

Din il-kawża waslet fl-istadju fejn ġew imressqa l-provi kollha tal-partijiet dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti. Dan il-Bord iqies li sabiex tkun tista' tiġi deċiża din l-ewwel talba, hemm bżonn li jiġu ppruvati elementi:

i. Jekk fir-rigward tal-ambjenti mertu ta' din il-kawża, nħarġitx dikjarazzjoni;

ii. Jekk l-ambjenti mertu ta' din il-kawża, hijiex okkupata jew amministrata minn xi awtorità kompetenti; u

iii. Jekk tressqux provi għas-sodisfazzjon tal-Bord tal-Arbitraġġ, li r-rikorrenti huwa sid b'titolu validu ta' proprjetà fuq dik l-art.

Dwar l-aħħar rekwiżit hawn fuq imsemmi, u ċioè jekk tressqux provi għas-sodisfazzjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ li r-rikorrenti huma sidien b'titolu validu ta' proprjetà fuq dawn l-ambjenti, dan il-Bord josserva s-segwenti. F'dan il-każ odjern, ġie ddikjarat li l-Awtorità intimata hija sodisfatta bit-titlu tar-rikorrenti fir-rigward ta' dawn iż-żewġ porzjonijiet ta' art in eżami. Dan jirriżulta mill-verbal magħmul fil-25 ta' Novembru 2020. Dwar il-kejl preċiż u korrett taż-żewġ porzjonijiet ta' art mertu ta' din il-kawża, jirriżulta li l-legali tar-rikorrenti, fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2021, talab li l-kejl tal-porzjonijiet art mertu ta' dan ir-rikors, u mmarkata bħala 'T7', jiġi kkoreġut fis-sens li jiġi jaqra bħala 44.25 metri kwadri, u mhux 70 metri kwadri. Da parti tal-Awtorità tal-Artijiet, f'dik l-istess seduta, iddikjarat li kien ser jiġi vverifikat dan il-kejl, u dana mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tal-Awtorità kif redatta fir-risposta għar-rikors promotur. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-Awtorità intimata ppreżentata fl-10 ta' Awwissu 2021, ġie ribadit li l-kejl tal-porzjonijiet 'T6' u 'T7' għadu ma ġiex stabbilit b'ċertezza, u għalhekk l-Awtorità nsistiet li għadha fl-istadju li ġġib il-provi, biex isostni l-kejl veru u proprju ta' dawn l-istess porzjonijiet 'T6' u 'T7'. Madanakollu, sussegwentement, l-Awtorità tal-Artijiet ippreżentat nota spjegattiva, ippreżentata fis-26 ta' Awwissu 2021, fejn jirriżulta li qablet mal-kejl indikat mir-rikorrenti. Per konsegwenza, ingħata digriet fejn il-kejl tal-art immarkata bħala 'T7', ġie korrett. Madanakollu jidher li preżenzjalment, ma hemmx qbil bejn il-kontendenti dwar il-kejl tal-art immarkata bħala 'T6'. Nonostante li għad ma hemmx qbil dwar l-

kejl korrett ta' din il-porzjon art 'T6', hemm qbil bejn il-kontendenti, dwar it-titlu tar-rikorrenti fir-rigward ta' dawn l-ambjenti, kif ukoll hemm qbil li entrambi l-porzjonijiet 'T6' u 'T7' jiffurmaw parti minn triq asfaltata.

Għalkemm l-ewwel talba tirrigwarda talba biex l-Awtorità tal-Artijiet tiġi ordnata takkwista l-proprjetà b'titolu ta' xiri assolut, dan il-Bord ma jarax li dan in-nuqqas ta' verifika dwar il-kejl preċiż tal-porzjon 'T6', huwa ta' ostakolu sabiex jgħaddi biex jagħti sentenza dwar din l-ewwel talba biss. Dan il-Bord għalissa, ma ġiex mitlub jagħti sentenza dwar it-tieni talba, u ċioè sabiex jingħata żmien qasir u perentorju lill-Awtorità, sabiex tindika l-prezz relattiv. In-nuqqas ta' kejl preċiż u eżatt tal-ambjenti mertu ta' din il-kawża, kien ikun ta' ostakolu biex dan il-Bord ikun jista' jgħaddi għal għoti ta' sentenza, fir-rigward tat-tieni talba. Iżda fiċ-ċirkostanzi preżenti, fejn il-kontendenti qabblu li entrambi l-ambjenti huma utilizzati bħala triq asfaltata, kif ukoll l-Awtorità ddikjarat li hija sodisfatta bit-titlu tar-rikorrenti, dan il-Bord ma jara li għandu l-ebda ostakolu biex jgħaddi biex jiddeċiedi dwar din l-ewwel talba biss.

Dwar ir-rekwiżit l-ieħor rigwardanti jekk inħarġitx dikjarazzjoni fir-rigward ta' dawn l-ambjenti in eżami, jirriżulta li lanqas ma huwa kkontestat, li fuq dawn l-ambjenti ma saru l-ebda dikjarazzjonijiet. Tant hu hekk, li mix-xhieda tan-Nutar Dottor Marisa Grech mogħtija fis-26 ta' Mejju 2021, irriżulta li din ikkonfermat, li qatt ma kien hemm esproprjazzjoni formali fuq dawn l-ambjenti mertu ta' din il-kawża.

Jifdal issa li jiġi trattat ir-rekwiżit, rigwardanti jekk din l-art hijiex okkupata jew amministrata minn xi Awtorità kompetenti. Jibda biex jerġa' jiġi osservat, kif ġià ġie msemmi iktar 'il fuq f'din is-sentenza, li dawn il-porzjonijiet ta' art qed jiġu utilizzati bħala parti minn triq asfaltata (Vide rapport tal-membri tekniċi a fol 38 u 39 tal-proċess). Il-kontestazzjoni f'dan il-każ, inholqot peress li l-Awtorità tal-Artijiet qed targumenta, li nonostante li dawn il-porzjonijiet art jiffurmaw triq asfaltata, dan ma għandux ifisser li l-Gvern huwa dovut jesproprja kull triq li ssir mill-privat. L-Awtorità qed targumenta li l-argument tar-rikorrenti, li t-toroq residenzjali skemati għandhom jiġu esproprjati mill-Gvern bir-regoli tal-Kap 573, ifalli ab intio.

Skont l-Awtorità tal-Artijiet, tenut kont tas-sentenza mogħtija fl-ismijiet, Richard Buhagiar et vs Kummissarju tal-Artijiet illum Awtorità tal-Artijiet et, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu 2020, il-pożizzjoni legali hija, li fejn il-Gvern ikollu bżonn li jakkwista art privata biex jikkommetti triq bħala parti minn proġett tiegħu, dan għandu jagħmel tajjeb hu għall-kumpens. Iżda, fejn ikun meħtieġ li żviluppatur

jiftaħ it-triq quddiem il-prorpjetà tiegħu, il-Gvern m'għandux obbligu li jesproprja tali art. L-Awtorita' intimata għamlet referenza għal sentenzi mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fil-kawża fl-ismijiet, Mosim Ltd vs Kummissarju ta' l-Artijiet, deċiża fl-10 ta' Lulju 2019, u fil-kawża fl-ismijiet, Kunsill Lokali Mellieha et vs Central Mediterranean Development Corporation Ltd (CENMED) et u kif ukoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell, fil-kawża fl-ismijiet, Sammut vs Micallef, fil-21 ta' Marzu 1958.

L-Awtorità tal-Artijiet kompliet targumenta li fil-prattika, dak li jiġri huwa li meta jkun hemm żvilupp li jista' jseħħ fuq iż-żewġ naħat ta' triq skemata, min jiżviluppa huwa tenut jifforma sa nofs dik it-triq, bħala kundizzjoni biex jattwa dak il-permess ta' żvilupp, filwaqt li n-nofs l-ieħor jaħseb għalih min imbagħad jiżviluppa fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Ġie sottolinjat li fil-każ in diżamina, il-Gvern ikkommetta li jiżviluppa ġnien fl-2013, u għalhekk, kien tenut jieħu ħsieb sal-ewwel nofs tat-triq. Skont l-istess Awtorità tal-Artijiet, mill-pjanti u dokumenti in atti, il-porzjonijiet in eżami, u ċioè 'T6' u 'T7', jinsabu proprju fin-nofs tat-triq li tgħajjat lir-residenti privati fuq in-naħa l-oħra tat-triq, u mhux dik in-nofs tat-triq li skont il-permess tal-Planning Authority, tgħajjat lill-proġett pubbliku li kkommetta l-Gvern fis-sena 2013.

L-Awtorità sostniet li r-rikorrenti ma resqu l-ebda prova, li hija wettqet xi azzjoni jew aġir biex takkwista din l-art, u għalhekk, qed targumenta li dan ir-rekwiżit ma jirriżultax, bil-konsegwenza li din l-ewwel talba ma tistax tintlaqa'. L-Awtorità ddikjarat ukoll, li hija qatt ma rċeviet xi talba minn xi entità tal-Istat sabiex l-artijiet mertu ta' dan ir-rikors, jiġu espropprjati għal skop pubbliku, u lanqas qatt ma wettqet xi azzjoni jew aġir biex takkwista dawn l-ambjenti għal skop pubbliku. L-Awtorità tal-Artijiet għamlet referenza wkoll għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet, Saviour sive Salvu Schembri et vs Awtorità tal-Artijiet, rikors numru 45/2015/JVC, deċiża fit-30 ta' Ġunju 2021.

Dan il-Bord qies ukoll l-argumenti mressqa mir-rikorrenti, fejn sostnew li ġjaladarba l-art hija triq, din hija eżempju ta' art li qed tintuża għal skop pubbliku, u li għalhekk, taqa' fl-amministrazzjoni ta' awtorità pubblika. Saret referenza għad-definizjoni mogħtija fil-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta, rigwardanti 'awtorità kompetenti' li hija waħda wiesgha, u li għalhekk, ma tagħmel l-ebda differenza jekk it-triq hijiex waħda arterjali jew le. Ġie wkoll sottolinjat, li ġjaldarba t-triq hija asfaltata, din taqa' fil-mansjoni ta' triq pubblika. Ir-rikorrenti għamlu referenza għas-sentenza mogħtija

minn dan il-Bord, fil-kawża fl-ismijiet, George Tabone et vs Awtorità tal-Artijiet, (rikors 18/2021) deċiża fl-14 ta' Lulju 2021.

Ir-rikorrenti sostnew li dawn l-ambjenti in kwistjoni, imissu mal-kumplament tal-art li ġiet żviluppata mill-Gvern, u ġjà esproprjata mingħand l-istess rikorrenti. Fuq is-sit esproprjat, il-Gvern żviluppa *playground*, Għassa tal-Pulizija u Uffiċju għall-Kunsill Lokali. Ġie sostnut li dawn iż-żewġ porzjonijiet, huma parti stradali li jmissu eżattament mal-iżvilupp li sar mill-Gvern stess, tant li meta l-proġett tlesta, dan infetaħ mill-Prim Ministru ta' dak iż-żmien. Per konsegwenza, skont ir-rikorrenti, jirriżulta ampjament ippruvat, li l-art de quo qed tintuża għal skop pubbliku, u li din hija okkupata u/jew amministrata minn awtorità kompetenti. Ir-rikorrenti għamlu referenza wkoll għas-sentenzi fl-ismijiet, Pierre Chircop vs L-Awtorità tal-Artijiet, (Rikors 2/18) deċiża fit-30 ta' Settembru 2020; Abela vs Awtorità tal-Artijiet (rikors 6/18) deċiża fit-30 ta' Ottubru 2021, u Angcar Ltd vs Awtorità tal-Artijiet, deċiża fis-26 ta' Jannar 2022, (Rikors 3/2019) ilkoll deċiżi mill-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet.

Issa meta l-Bord jevalwa dawn is-sottomissjonijiet, kif ukoll jifli l-atti proċesswali kollha, kemm ta' dan il-każ u kif ukoll tal-atti tal-kawża allegata, iqies li għandu jagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

Jibda biex jiġi dejjem imfakkar, li mid-definizzjoni ta' skop pubbliku misjuba fl-Artikolu 2 tal-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta, dan il-Bord hekk kif ippresedut, dejjem wasal għal konklużżjoni li formazzjoni ta' triq, hija waħda li taqa' fl-ambitu ta' din id-definizzjoni. Dana peress li tali definizzjoni taqra:

> *"skop pubbliku" jfisser kull skop li għandu x'jaqsam mal-użu esklużiv talGvern jew mal-użu pubbliku ġenerali, jew li għandux'jaqsam ma' jew jiswa għall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun għall-użu tal-Gvern sew jekk le) jew ma' jew għall-ippjantar tal-ibliet jew ma' jew għar-rikostruzzjoni jew għaż-żieda fl-impiegi, jew għat-tkattir fit-turiżmu, jew għall-promozzjoni tal-kultura, jew għall-preservazzjoni tal-identità nazzjonali u storika, jew għall-ħarsien ekonomiku tal-Istat jew kull skop li għandu x'jaqsam mad-difiża ta' Malta jew li għandu x'jaqsam ma' jew jiswa għall-operazzjonijiet navali, militari jew tal-ajru; u jfisser ukoll kull skop ieħor imsemmi bħala pubbliku minn xi liġi; u għall-finijiet ta' din it-tifsira, fejn l-iskop sabiex jiġi eżerċitat xi dritt taħt dan l-Att ikun marbut mal-utilizzazzjoni ta' xi art jew xi dritt marbut jew relatat magħha għal kull raġuni marbuta mal-provvista, ħażna jew distribuzzjoni ta' karburanti jew sorsi oħra ta' enerġija, jew f'konnessjoni mal-provvista ta' xi servizz ta'*

*utilità jew servizz muniċipali jew proġett infrastrutturali, għandu jitqies bħala konness ma' jew anċillari għall-interess pubbliku jew utilità."*

In fatti, dan il-Bord jagħmel referenza għas-sentenzi mogħtija minnu f'dan ir-rigward, u ċioè Pierre Chircop vs l-Awtorità tal-Artijiet (Rikors Numru 2/2018), deċiża fit-30 ta' Settembru 2020; Abela vs Awtorità tal-Artijiet (Rikors numru 6/2018), deċiża fit-13 ta' Ottubru 2021, u George Tabone et vs L-Awtorità tal-Artijiet (Rikors Numru 18/2021), deċiż fl-14 ta' Lulju 2021, fejn dejjem qies li użu ta' art bħala triq, jekwivali għal użu ta' dik l-istess art, għal skop u interess pubbliku. Dan il-Bord qiegħed ukoll jagħmel tiegħu, l-insenjament kontenut fis-sentenza mogħitja fis-26 ta' Jannar 2022, fl-ismijiet, Angcar Company Limited C5707 vs L-Awtorità tal-Artijiet, liema sentenza mhijiex res judicata, stante li saret appell minnha.

Huwa minnu li rriżulta li l-Awtorità tal-Artijiet sostniet, li qatt ma kellha talba sabiex dawn il-porzjonijiet art jiġu esproprjati (vide xhieda mogħtija min-Nutar Dottor Marisa Grech fis-26 ta' Mejju 2021). Madanakollu, dan il-Bord sejjer jillimita ruħu għal dak li jgħid testwalment, l-A,rtikolu 67(1) tal-Kap 573 u ċioè art li tkun okkupata jew amministrata minn xi awtorità kompetenti. L-Awtorità kompetenti, skont id-definizzjoni fl-Artikolu 2 tal-Kap 573 tal-Ligjiet ta' Malta, tfisser l-Awtorità tal-Artijiet stabbilita skont l-Artikolu 5 tal-Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet, jew kull persuna jew entità oħra, li bil-liġi jew b'kuntratt, hija fdata li tamministra art tal-Gvern. Għalhekk, l-okkupazzjoni jew amministrazzjoni mhijiex ristretta għall-Awtorità tal-Artijiet biss, iżda tikkomprendi persuni oħra jew entitajiet oħra, li bil-liġi jew b'kuntratt huma fdati li jamministraw art tal-Gvern, bħal per eżempju, Infrastructure Malta jew Kunsill Lokali.

Dan il-Bord iqies li fil-fehma umli tiegħu, m'hemm ebda dubju li fil-każ de quo, l-art tar-rikorrenti ttieħdet u qiegħda tintuża għal skop pubbliku. L-art ġiet utilizzata bħala triq. Ġiet asfaltata u hija parti essenzjali minn proġett kbir li sar mill-Gvern ta' dak iż-żmien, fejn saret *playing field*, Għassa ta' Pulizija u Kunsill Lokali. L-Artikolu 67(1) tal-Kap 573 isemmi, li l-art tkun okkupata jew amministrata minn awtorità kompetenti. Fil-fehma ta' dan il-Bord, dawn l-ambjenti mertu ta' din il-kawża kellhom u għandhom, applikazzjoni ta' benefiċċju għall-kollettività u ġew okkupati u amministrati minn awtorità kompetenti. Mill-premessi tar-rikors promotur jirriżulta, li dawn il-porzjonijiet ittieħdu snin ilu, u ġew okkupati bħala triq. Ma kinux ir-rikorrenti jew xi persuni privati li fetħu dawn it-toroq, biex per eżempju, jiżviluppaw il-proprjetà rispettiva tagħhom. Dawn l-artijiet ittieħdu sabiex ikun jista' jsir dan il-

proġett kbir mill-Gvern. Huma in fatti, żewġ porzjonijiet li jikkonsistu f'partijiet stradali, li jmissu mal-iżvilupp ta' dan il-proġett li sar mill-Gvern. Għal dan il-Bord, dan jammonta għal prova suffiċjenti, li dawn il-porzjonijiet art huma okkupati jew amministrati mill-Awtorità kompetenti **ai termini tal-Artikolu 67(1) tal-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta**. Huwa minn din il-lenti u perspettiva, li dan il-Bord għandu l-awtorità u s-setgħa li jeżamina t-talbiet li għandu quddiemu. Għal kuntrarju, il-ġurisprudenza li ġiet ikkwotata mill-abbli legali tal-Awtorità tal-Artijiet, ma kinitx tirrifletti analiżi u eżami tal-elementi esposti fl-Artikolu 67 tal-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta.

In vista ta' dan, dan il-Bord iqies li t-tliet rekwiżiti fuq imsemmija, ġew ilkoll sodisfatti f'dan l-istadju. Issa t-talba li qed issir mir-rikorrenti hija, li ssir ordni biex l-art tiġi akkwistata b'titolu ta' xiri assolut, peress li l-art illum ma tistax tiġi ripristinata. Dan il-Bord iqies li l-art hija triq asfaltata, u għalhekk, hija fl-impossibilità li tiġi ripristinata. Fil-każ odjern, dan il-Bord jinsab sodisfatt li l-porzjonijiet art in kwistjoni, huma meħtieġa għal skopijiet pubbliċi, u għalhekk a tenur tal-Artikolu 67 tal-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa sejjer jiddeċiedi li l-art għandha tittieħed b'titolu ta' xiri assolut.

## Deċide

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, dan il-Bord qiegħed jilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti.**

**Jordna li l-ispejjeż relattivi għal din is-sentenza, jibqgħu riservati għal ġudizzju finali.**

Maġistrat Dr. Simone Grech
Chairperson

Janet Calleja
Deputat Reġistratur